IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 64/25

**Il-Lussemburgu, 5 ta' Ġunju 2025**

Il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fil-Kawża C-769/22 | Il-Kummissjoni vs L-Ungerija ("Valuri tal-Unjoni Ewropea")

# Valuri tal-Unjoni: L-Avukata Ġenerali Ćapeta tqis li, billi pprojbixxiet jew irrestrinġiet l-aċċess għal kontenut LGBTI, l-Ungerija kisret id-dritt tal-Unjoni

*Hija tissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tikkonstata wkoll ksur indipendenti tal-Artikolu 2 TUE, li jistipula l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea*

Bil-Liġi LXXIX tal-2021 li adottat miżuri aktar stretti kontra persuni misjuba ħatja ta' pedofilija u li emendat ċerti liġijiet għall-protezzjoni tat-tfal, l-Ungerija introduċiet diversi emendi għal atti leġiżlattivi domestiċi differenti (l-emendi). Xi wħud minn dawk l-emendi, li ġew adottati, skont l-Ungerija, bil-għan li jipproteġu lill-minorenni, fil-fatt ipprojbixxew jew irrestrinġew l-aċċess għal kontenut li juri jew jippromwovi "identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-twelid, l-assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess jew l-omosesswalità" (iktar 'il quddiem il-"kontenut LGBTI"). Il-Kummissjoni ressqet rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-Ungerija għal dawn l-emendi. Hija talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Ungerija kisret id-dritt tal-Unjoni fuq tliet livelli differenti: id-dritt primarju u sekondarju dwar is-suq intern fis-servizzi [1], kif ukoll ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (iktar 'il quddiem il-"GDPR") [2]; diversi drittijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"Karta"); u l-Artikolu Artikolu 2 TUE [3].

**L-Avukata Ġenerali Tamara Ćapeta tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li r-rikors huwa fondat fir-rigward tal-motivi kollha.**

L-ewwel, **dawn l-emendi** jiksru **l-libertà li jiġu pprovduti u rċevuti servizzi** kif stipulata fid-dritt primarju tal-Unjoni u f'dispożizzjoni jew f'diversi dispożizzjonijiet **tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, id-Direttiva dwar is-servizzi, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja awdjoviżiva, kif ukoll il-GDPR.**

It-tieni, **l-imsemmija emendi jinterferixxu wkoll ma' numru ta' drittijiet fundamentali protetti mill-Karta, jiġifieri l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u l-orjentazzjoni sesswali [4], ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja [5], il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni [6], kif ukoll id-dritt għad-dinjità tal-bniedem [7].** Skont l-Avukata Ġenerali, dawn l-interferenzi ma jistgħux jiġu ġġustifikati mir-raġunijiet imressqa mill-Ungerija, jiġifieri l-protezzjoni tal-iżvilupp b'saħħtu tal-minorenni u d-dritt tal-ġenituri li jrabbu lill-uliedhom skont il-konvinzjonijiet personali tagħhom [8]. F'dan ir-rigward, l-Avukata Ġenerali tispjega li, f'isem il-protezzjoni tal-minorenni, il-leġiżlazzjoni Ungeriża inkwistjoni tipprojbixxi r-rappreżentazzjoni tal-ħajja ordinarja ta' persuni LGBTI, u ma hijiex limitata għall-protezzjoni tal-minorenni minn kontenut pornografiku, li kien diġà pprojbit mil-liġi fl-Ungerija qabel l-emendi.

L-Ungerija ma ressqet l-ebda prova tar-riskju potenzjali ta' ħsara tal-kontenut, li juri l-ħajja ordinarja ta' persuni LGBTI, għall-iżvilupp b'saħħtu tal-minorenni. Konsegwentement, **dawn l-emendi huma bbażati fuq ġudizzju ta' valur li l-ħajja ta' persuni omosesswali u mhux cisġeneri ma għandhiex l-istess valur jew status bħall-ħajja**

**ta' persuni eterosesswali u cisġeneri**.

It-tielet, l-Avukata Ġenerali hija tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tistabbilixxi, kif mitlub mill-Kummissjoni, ksur indipendenti minn Stat Membru **tal-Artikolu 2 TUE**, li jistabbilixxi l-valuri fundamentali li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea.

L-AĠ Ćapeta tirrimarka li l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huwa żviluppat permezz tad-djalogu. Dan ifisser li jista' jkun hemm viżjonijiet differenti dwar kif il-valuri komuni għandhom jiġu "kkonkretizzati". Nuqqas ta' qbil dwar il-kontenut tad-drittijiet fundamentali jew diverġenzi fl-ibbilanċjar ta' żewġ drittijiet fundamentali jew iktar ma għandhomx iwasslu għall-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE. Dawn huma parti mid-djalogu kostituzzjonali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, li jippermetti "konkretizzazzjonijiet" differenti tad-drittijiet. Madankollu, tali nuqqas ta' qbil ma jiċħadx il-valuri nnifishom.

**Konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 2 TUE għandha ssir biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li Stat Membru kiser dritt tal-Karta għaliex ċaħad il-valur li dan id-dritt jikkonkretizza**.

**F'dan il-każ, l-Avukata Ġenerali hija tal-fehma li l-fatt li persuni LGBTI jistħoqqilhom rispett ugwali fl-Istati Membri ma huwiex miftuħ għall-kontestazzjoni permezz tad-djalogu. In-nuqqas ta' rispett u l-marġinalizzazzjoni ta' grupp f'soċjetà huma l-"linji ħomor" imposti mill-valuri tal-ugwaljanza, tad-dinjità tal-bniedem u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.**

Għalhekk, hija tqis li, **billi tqajjem dubji dwar l-ugwaljanza tal-persuni LGBTI, l-Ungerija ma hijiex qiegħda turi nuqqas ta' qbil jew diverġenza dwar il-kontenut tal-valuri tal-Unjoni Ewropea. Minflok, dan l-Istat Membru ċaħad diversi minn dawk il-valuri fundamentali u, b'hekk, iddevja b'mod sinjifikattiv mill-mudell ta' demokrazija kostituzzjonali, rifless fl-Artikolu 2 TUE.**

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu dirett kontra Stat Membru li ma jkunx wettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni jista' jitressaq mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li kien hemm nuqqas ta' twettiq ta' obbligi, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mingħajr dewmien. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma jkunx ikkonforma ruħu mas-sentenza, hija tista' tressaq rikors ieħor għal ħlasijiet ta' penali. Madankollu, jekk miżuri li jittrasponu direttiva ma jkunux ġew innotifikati lill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fuq proposta tal-Kummissjoni, timponi ħlasijiet ta' penali fl-istadju tas-sentenza inizjali.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih dawn jiġu ppreżentati.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] Jiġifieri l-Artikolu 56 TFUE u l-istrumenti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni: id-Direttiva 2000/31/KE dwar il-kummerċ elettroniku, id-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern u d-Direttiva 2010/13/UE dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva.

[2] Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

[3] Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi: "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel".

[4] Artikolu 21 tal-Karta.

[5] Artikolu 7 tal-Karta.

[6] Artikolu 11 tal-Karta.

[7] Artikolu 1 tal-Karta.

[8] Artikolu 14(3) tal-Karta.